**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR.IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Ottubru 2018

Appell numru 180/2013

Il-Pulizija

Vs

Anthony Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Anthony Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 513087M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Mejju 2006 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, f'diversi postijiet f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, gewwa r-residenza B, u f'diversi postijiet f'Malta:

1. Bi vjolenza, kkommetta stupru fuq ohtu minuri, A, mill-Imsida, liema delitt sar fuq persuna li m'ghalqitx l-eta' ta' tnax –il sena, nkella minhabba l-mezzi qarrieqa li hu nqeda bihom u li dan ir-reat sar kontra membru domestiku;
2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija A kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha meta dan ir-reat sar minn membru domestiku;
3. B'ghemil zieni, kkorrompa lil persuna taht l-eta, u *cioe'*, lil ohtu A, minorenni ta' tnax –il sena, liema minorenni giet fdata lilu, mqar ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebha, jghallimha, jindukraha jew izommha, u liema reat gie kommess ukoll b'qerq;
4. Ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni tal-istess ohtu, A, minorenni ta' tnax –il sena, u ta' ohtu, C, ta' sbatax –il sena.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' April, 2013, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, illiberatu minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' April, 2013, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Anthony Schembri mhux hati tal-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' akkuza, u minflok ghar-ragunijiet premessi, ssibu hati ai termini tat-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi, u teroga l-piena komplessiva kontra l-appellat Anthony Schembri skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi fil-15 ta' April, 2013, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom, u ghaldaqstant qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) u 413 (1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-appellat ma nstabx hati tar-reati addebitati lilu ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz sal-grad rikjest mill-ligi, u dan stante illi l-vittmi A u C li xehdu matul il-proceduri bidlu l-verzjoni tal-fatti;

Illi b'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, minn qari akkurat tad-deposizzjonijiet tax-xhieda jirrizulta illi l-varjazzjoni bil-verzjoni tirrizulta in kwantu l-appellat ikkommettiex ir-reat ta' stupru *o meno*. Il-*gynaecologist*, Dr. Mariella Mangion, a fol. 130, xehdet illi mill-ezami mediku li ghamlet fuq A,

rrizulta illi ma kienx hemm penetrazzjoni. Fil-fatt, l-Avukat Generali, konxju ta' dan id-dubbju dettat mir-raguni, ntenzjonalment ma ndikax l-artikolu tal-Ligi li jindika tali reat u li jikkorrispondi ghall-akkuza numru 1, meta hareg l-Artikoli fis-sitta u ghoxrin ta' Jannar, 2009, in atti, a. fol 258;

Illi ghalkemm dan huwa aggravju fuq l-apprezzament tal-provi, qed isir ghaliex, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa manifestament evidenti illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatx konsiderazzjoni bizzejjed ghall-ambjent domestiku/familjari li fih sehhew dawn ir-reati. Jirrizulta li A kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni taghha dwar l-akkadut, kemm meta fethet qalbha maz-zija, kemm meta ghamlet ir-rapport l-Appogg, kemm meta xehdet il-Qorti u kif ukoll meta tkellmet mad-Dottoressa Mariella Mangion. Meta l-Qorti tidhol *ad funditus* fl-assjem tal-provi jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li r-reati korrispondenti ghall-akkuzi numru 2, 3 u 4, vera sehhew u li r-ripensament fl-ahhar ta' A u C li tkellmet fuqu Pamela Gili mic-*Child Protection Unit*, a fol. 26, kien frott il-*guilt feeling* u r-riluttanza li l-ahwa jaraw lil huhom il-habs;

Illi b'kull rispett, jirrizulta mix-xhieda li A, b'qerq giet issoggettata ghall-korruzzjoni minn huha l-kbir meta l-appellat kien jordnalha biex timmasturbah u kien jaghmel *penal rubbing* mal-parti taghha. Illi A qatt ma bidlet din il-verzjoni u li ohtha C tghid li f'okkazzjoni partikolari rat lil huha Anthony mindud fuq ohtha A li kienet mnezzgha;

Illi huwa minnu illi huhom iz-zghir, D, kien mitlub minn C biex jghid lill-Ispettur li tali xena raha huwa wkoll, meta hu ma kienx prezenti, ghaliex kif jghid D stess, ohtu C bezghet li ma tigiex emmnuta. Pero, l-Qorti tal-Magistrati, bir-rispett

kollu kellha tqis li dawn l-ahwa lkoll gejjin minn ambjent familjari xejn felici fejn l-omm kienet mgieghla titlaq minn darha b'uliedha kollha, apparti wiehed f'xelter, biex ma tibqax tigi mmaltrattata u msawta mill-ko - abitant, missier it-tfal. Il-Qorti tal-Magistrati, bir-rispett kollu, naqset milli tapprezza l-biza li hakmet lill-ahwa bniet meta dawn it-tnejn kienu abbuzati minn membru tal-familja. Mhux facli ghal kwalunkwe minorenni li tinsinwa abbuz sesswali minn membru domestiku maggur fl-eta'. Meta tiddeciedi li titkellem biex twaqqaf l-abbuz – ghalkemm mhux skuzat tali atteggjament – huwa naturali li jkun hemm tendenza li wiehed jesagera sabiex dan jigi emmnut. Hekk ghamlet C meta talbet lil D jghid li ra l-atti sesswali minn Anthony fuq ohtu A. Kif D stess jghid, a. fol 86 u 87, C bezghet li ma tigix emmnuta. Izda bir-rispett kollu, ma jfissirx illi ma kien hemm l-ebda abbuz. Tant kien hemm atmosfera t'ansjeta', illi l-haddiema socjali, Ms. Margaret Zammit, spjegat, a. fol 134, illi meta l-appellat kien arrestat, it-tifla A bdiet tqatta jdejha u giet irreferuta biex taraha psikjatra. Il-psikjatra, Dr. Ingrid Grech Lanfranco, a fol. 248 et. Seq., tghid li A kienet tibqa siekta bid-dmugh niezel ma' wiccha. Pamela Gili mic-*Child Protection Unit*, a fol. 261, turi kemm il-bniet wara li rnexxielhom iwaqqfu l-abbuz, hassewhom responsabbli li huhom kien baqa arrestat, u wara li taw it-testimonjanzi taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sahansitra bdew ikollhom *second thoughts*, u ppruvaw jghattu dak kollu li qalu. Huwa hawnhekk li l-Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu giet sgwidata;

Illi biex tigi ppruvata t-tieni u t-tielet akkuza, huwa bizzejjed illi jirrizulta b'mod car illi l-appellat zamm lil A b'qerq. Fil-fatt kien jghidilha illi jekk ma taghmilx li jghidilha u jekk titkellem, lilha kienu jaqfluha x'imkien. Hija mbezzgha minn din l-eventwalita' kienet temmnu. Meta omm it-tfal kienet tkun xoghol, Anthony

kien jaghmel atti zienja ma' A, meta suppost bhala l-wild maggur kellu jara illi ma jigri xejn ta' detriment ghal hutu ckejknin. B'hekk, it-tieni u t-tielet akkuzi jirrizultaw pruvati, u l-Qorti tal-Magistrati bir-rispett kollu, kellha telenka x-xhieda rispettivi u tenunzja tali espozizzjoni tal-fatti;

Illi fir-rigward tar-raba' akkuza, li l-appellat ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni, l-esponent Avukat Generali jissottometti li D, a fol. 87, jghid: '*Iva, dak id-DVD kien ghand il-kugin tieghi, Redent, u sellfu lil hija l-kbir, mhux sellfu, tah lil hija l-kbir, Anthony Schembri, u sar jaf id-daddy li kienet ratu ohti A, mbaghad qalli biex niehdu...*' Meta mistoqsi d-*DVD* min rah, hu wiegeb, a fol. 88: '*Toni u A, u ma nafx jekk ratux, ma rridx nghid ghax mhux cert jekk ratux ohti C*'. *Di piu*, meta l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet tfittxija fil-fond fejn il-familja kienu jirrisjedu fl-Imsida, l-ufficjali elevaw id-*DVD* pornografiku. Cecilia Xuereb, a fol. 236, ikklassifikat il-*genre* tad-*DVD* bhala pornografiku *hardcore*. Qalet li fih '*xeni twal ta' sess bejn nisa u rgiel, jinkludi izjed minn zewgt persuni, xeni ta' masturbazzjoni manwali, orali, u close – ups tal-organi sesswali kemm maskili, kif ukoll femminili*'. Ghalhekk, mill-assjem tal-fatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament zbaljata meta lliberat lill-appellat Anthony Schembri mir-raba' akkuza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni appellata ghaliex jishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament ma tatx affidament lill-minuri abbazi ta’ nuqqas ta’ konsistenza fix-xiehda taghha fir-rigward tal-ewwel akkuza ipprospettata kontra l-appellat, liema akkuza imbaghad ma gietx moghtija mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tieghu. Jishaq allura li l-minuri kienet konsistenti fix-xiehda taghha fir-rigward tal-akkuzi dwar il-korruzzjoni tal-minuri, kif ukoll tal-arrest illegali kif ikkontemplati fl-artikoli 203, 203A, 86 u 87 tal-Kodici Kriminali biex b’hekk kellha tinstab htija fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi migjuba kontra l-appellat.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravvju imqanqal mill-Avukat Generali idur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan referribbilment fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi kif hawn fuq inghad.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat, kemm legalment kif ukoll fattwalment, illi altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja.

Issa minn qari tal-gravam sottopost ghal gudizzju ta’ din il-Qorti, l-Avukat Generali jikkoncedi illi kien hemm kunflitt fil-provi, izda fil-fehma tieghu dan il-kunflitt kien jieqaf biss mal-ewwel akkuza ipprospettata mill-Prosekuzzjoni u cioe’ dak tal-istupru, u kien minhabba f’dan il-fatt illi l-artikolu tal-ligi li jipprospetta dan ir-reat ma giex indikat minnu fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju.

Illi għalkemm il-Qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha temmen xhud f'dak kollu li ighid u tista' ma temmnu f'xejn, madanakollu tista' tirrizulta il-verosimiljanza f'parti mix-xiehda tieghu izda mhux f'parti ohra. Illi allura b'applikazzjoni tal-bonsens, il-kredibilita` ta' dak ix-xhud imbaghad ghandu jitwiezen minn min hu imsejjah biex jiggudika minn fatturi ohra determinanti fosthom il-konsistenza tax-xhud meta imqabbel ma' provi ohra korroboratorji jew indizzjarji.

Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed ighid iswed u l-iehor ighid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[1]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the*

[1] Ibid

*prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392) (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewelnin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u esperti medici u psikjatrici li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li l-Ewwel Qorti ghamlet b'mod konciz u dettaljat.

Issa huwa minnu ukoll illi meta xehdet il-minuri hija iddeponiet quddiem gudikant iehor, madanakollu billi x-xhieda taghha ittiehed permezz tal-procedura awdio viziva kontemporanja din certament kienet disponibbli ghall-Ewwel Qorti li allura setghet vizwalment tezamina d-deportament tax-xhud. Ghalhekk sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xhieda tal-minuri.

Ikkunsidrat,

Illi maghdud dan din il-Qorti xortawahda ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u tistqarr minnufih illi dan il-process gudizzjarju huwa mifni b'xhieda li jikkontradixxu mhux biss dak li issostni il-minuri, izda sahansitra jikkontradixxu lilhom innfushom meta ibiddlu l-verzjoni tal-fatti taghhom. Xhieda, fosthom il-minuri stess, li jaghtu verzjonijiet differenti meta mitkellma mill-pulizija, mill-

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

assistenti socjali, mill-psikologi u mit-tobba tant illi ghalkemm l-istorja bdiet bl-allegat stupru minn Anthony Schembri fuq ohtu minuri A, din spiccat f'allegati tokkamenti biss, bl-Avukat Generali allura jirtira l-ewwel akkuza addebitata lill-appellat fic-citazzjoni.

Illi l-ilment tal-Avukat Generali illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ambjent familjari li fih trabbew l-allegati vittmi fejn sahansitra kien hemm allegazzjonijiet ta' abbuz mill-missier fil-konfront ta' uliedu ma ghandux ifisser *a priori* illi l-allegat abbuz subit minn idejn l-appellat sehh.

Illi kif gustament stqarret l-Ewwel Qorti il-prova fil-kamp penali trid tkun wahda soda hafna, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Issa gjaldarba kien jidher car u b'mod lampanti illi l-akkuza dwar l-allegat stupru fuq il-minuri ma setatx tirnexxi u dan minhabba l-inkonsistenzi u n-nuqqas ta' kredibilita` tax-xhieda fosthom il-minuri, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, tqies l-allegazzjonijiet l-ohra b'cirkospezzjoni kbira u dan meta abbinat mal-provi l-ohra li kien hemm fl-atti.

Illi minn ezami tas-sentenza impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghaqli u approfondit tal-provi kollha li gew ikkumpilati, tant illi fl-analizi li issir tal-atti probatorji huwa evidenti il-kunflitt fil-provi li ma setax allura iwassal lill-Ewwel Qorti ghal dak il-konvinciment morali sabiex fuqu isejjes ir-reita'.

Dan ghaliex:

1. Ghalkemm inizjalment kemm A kif ukoll C jixhdu fuq att ta' penetrazzjoni sesswali li allegatament sehh bejn l-appellat u ohtu A fil-kamra tas-sodda fid-dar taghhom, lis-*social worker* Margaret Zammit, ighidulha illi ma kien

hemm l-ebda rapport sesswali izda biss tokkamenti libidinuzi[3]. Fil-fatt ibiddlu il-verzjoni taghom finalment u ighidu li holqu din l-istorja ta'l-abbuz wara li raw storja simili fuq l-ahbarijiet. Dan id-diskors jinghad lill-assistenti socjali u lil ommhom fejn jistqarru maghha li esageraw fir-rakkont taghhom.

2. Charles Schembri, hu l-allegati vittmi u l-appellat, ibiddel il-verzjoni tieghu meta jichad illi huwa kien xhud tal-allegat abbuz, kif kien stqarr originarjament meta sar ir-rapport tal-abbuz mal-pulizija. L-istess E t-tifel iz-zghir ghalkemm inizjalment jistqarr li kien ikun fil-kamra tas-sodda meta kien isehh l-abbuz sesswali mill-appellat fuq ohtu A, fix-xiehda tieghu fil-qorti jichad dan kollu.

3. Rigward id-DVD pornografiku jidher illi filwaqt li l-appellat kien qed jara din ir-registrazzjoni, il-minuri minn jeddha marret hdejh tarah.

4. Ezamijiet medici mill-pedjatra Dr. Mariella Mangion[4] u it-tabib ginekologu Dr. Carmen Portelli jikkonkludu illi ma kien hemm ebda sinjali ta' abbuz sesswali fuq il-minuri, jew ta' kongungiment karnali b'penetrazzjoni fl-orefici intimu tal-parti leza, billi gie konstatat medikament illi l-"*hymen*" kienet ghadha intatta. L-ezamijiet medici li saru ghal xi mard ta' natura sesswali irrizultaw fin-negattiv. Dan ghalkemm fix-xiehda taghha A tghid il-kliem "*dahhal il-parti tieghu gol-parti tieghi*" u "*irrajpjani*" u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda.

5. Il-psikologa Ingrid Grech Lanfranco inkarigata sabiex taghti t-terapija mehtiega lil minuri minhabba l-allegat abbuz sesswali subit minnha, tghid

---

[3] Ara xiehda Margaret Zammit a fol.136

[4] Xiehda a fol.130 u rapport fol.133

illi ghalkemm moghtija diversi appuntamenti, il-minuri attendiet ghal tlieta biss minnhom fejn f'dawn l-appuntamenti hija ma riedet taghtiha l-ebda informazzjoni. Fil-fehma tax-xhud l-minuri fil-fatt ma kenitx qed turi interess sabiex tattendi ghat-terapija li kienet qed tigi offruta lilha, tant illi fl-ahhar inkontri stqarret ma' din l-espert illi hija ma kellhiex bzonn terapija.

6. L-appellat fix-xiehda tieghu jichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu.

Issa l-Avukat Generali jishaq illi l-att sesswali deskritt mill-minuri u minn C li kienet xhud tal-istess ghandu jirrizulta ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni u mhux l-istupru billi kif inghad ma hemm ebda prova ta' kongungiment karnali. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-fehma u dan fid-dawl tat-tifsira moghtija mill-gurisprudenza ta' dak li ghandu jikkostitwixxi kongungiment karnali u cioe' kull att sesswali li jinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-*vagina* u l-*anus* kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess. Dan ifisser allura illi jekk dak li xehdet A kien minnu, allura kellu jririzulta r-reat tal-istupru. Imxejjna din il-prova wisq anqas allura jista' jitwemmen dak li tghid il-minuri illi kien hemm tokkamenti biss billi l-att sesswali minnha deskritt ma jikkwalifikax bhala "tokkament" imma bhala kongungiment karnali. Dan iktar u iktar meta wara li A taghti x-xiehda taghha fil-Qorti tistqarr ma ommha illi kienet esagerat fir-rakkont taghha dwar dak li verament sehh biex b'hekk allura inholoq id-dubbju dettat mir-raguni dwar f'hix fir-realta kien jikkonsisti l-att inkriminatorju u allura liema vjolazzjoni ta' dritt sehh bil-konsumazzjoni ta' dawn allegati atti intimi.

Rinfaccjata ghalhekk b'dawn il-provi kontradittorji fejn lanqas l-esperti li kienu qed jassistu l-qorti ma setghu jasslu ghal konkluzjoni dwar jekk il-minuri kenitx issubiet dan l-abbuz sesswali, l-Ewwel Qorti legalment u ragjonevolment ma setatx tqies illi l-prosekuzzjoni lahhqet il-grad ta' prova mehtieg minnha sabiex issib il-htija ghar-reati addebitati lill-appellat.

Illi lanqas fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali ma seta jirrizulta l-htija ghalkemm jidher illi kien minnu li l-appellat kellu fil-pussess tieghu DVD pornografiku li l-minuri A kienet rat.

Dan ghaliex "ir-reat fl-artikolu 203A jiġi kunsmat bis-sempliċi "eċċitament" tal-korruzzjoni tal-minuri. Il-kelma "teċċita" fil-kuntest tal-artikolu msemmi tfisser li tistimula, tqajjem l-aptit u l-interess ta' dak li jkun f'dak li hu ta' natura sesswali u li bħala konsegwenza timbotta prekoċement lill-minuri lejn attivita' fiżika sesswali ma' ħaddieħor u għalhekk lejn il-korruzzjoni. Għalhekk, huwa ċar li għall-konsumazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 203A il-korruzzjoni effettiva tal-minuri ma hix neċessarja iżda hu suffiċjenti **<u>kull egħmil intiż</u>** sabiex jipproduċi fil-minuri l-effetti msemmija. Inoltre, peress li l-artikolu 203A kien intiż preċiżament biex ikopri dak l-egħmil li kien ġie ritenut mhux kopert bl-artikolu 203, l-egħmil konsistenti f'diskors, qari, wiri ta' ritratti jew stampati jidħlu fil-parametri tal-mezzi li bihom jista' jiġi kunsmat ir-reat in kwistjoni.[5]"

Dan allura necessarjament jimplika illi l-awtur tar-reat irid bl-azzjonijiet tieghu ikun konxju tal-fatt illi huwa qieghed jiffacilita, ighin jew jinstiga l-korruzzjoni tal-minuri u allura l-esposizzjoni tal-minuri ghal materjal pronografiku b'mod accidentali u mhux volut certament ma jistax iwassal sabiex jissussisti r-reat. Issa mill-provi li hemm fl-atti ma jirrizultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni

[5] Il-Pul vs Michael Bugeja – App.Inf 13/09/2013

illi meta l-appellat kien qed jara l-film pornografiku huwa intenzjonalment ried lil minuri tara dak il-film flimkien mieghu bl-intenzjoni li iqanqlilha xewqat libidinuzi. Mill-provi jidher illi fil-mument illi l-appellat kien qed jara dan il-film inzertat kien hemm prezenti ukoll ohtu. Illi allura hemm kunflitt fil-provi jekk il-wiri ta' dan il-materjal pornografiku lil minuri kienx wiehed volut o meno.

Illi maghdud dan kollu huwa bil-wisq evidenti illi l-provi li hemm fl-atti processwali huma tant konfliggenti illi jkun ferm perikoluz illi il-gudizzju tal-Qorti rizultanti fi htija jigi imsejjes fuq evidenza mizghuda b'inkonsistenzi u nuqqas ta' koerenza fl-affermazzjonijiet maghmula mix-xhieda li ghall-ewwel jistqarru mod imbaghad jaffermaw il-kuntrarju. Dan iktar u iktar meta ma hemmx provi indizzjarji li jistghu jaghtu is-sahha lil verzjoni 'il wahda jew 'l ohra. Illi allura hija il-fehma tal-Qorti illi id-diskrezzjoni ezercitat mill-Ewwel Qorti fid-dawl tar-risultanzi processwali ma ghandhiex tigi iddisturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.